# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 27 ta' Settembru 2022**

**Talba numru 197/2021 SFJ**

**GO P.L.C (C22334)**

**VS.**

**MATSALU HEIKI (180614A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ppremettiet u talbet:

"*Illi l-konvenut għandu jagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn u sebgha w tmenin ewro u sebgha w sittin centezmu (EUR 2087.67), in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kontijiet bin-numru 40849613.*

*Illi nterpellat sabiex jgħaddi għall-ħlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-*subizzjoni.

*Bl-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-referenza 2754/20, u bl-imgħaxijiet legali.*"

Ra li wara li saru diversi tentattivi għan-notifika tal-konvenut, kellha tiġi adoperata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma deher għal ebda seduta.

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' lil Maryanne Camilleri tixhed, in rappreżentanza ta' GO P.L.C, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza ghas-27 ta' Settembru 2022.

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2022, xehdet Maryanne Camilleri, prodotta mis-soċjetà attriċi. Hija kkonfermat li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi permezz ta' din il-kawża kien għadu dovut u kien jappartjeni lill-kontijiet bin-numru 40849613, liema kontijiet kienu msemmija fl-Avviż tat-Talba.

Oltre li x-xhieda hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut ma ressaq ebda difiża u ebda prova in kontradizzjoni tax-xhieda ta' Maryanne Camilleri. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lil Maryanne Camilleri tixhed, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-soċjetà attriċi timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elfejn u sebgha w tmenin ewro u sebgha w sittin centezmu (EUR 2087.67), bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża u l-ispejjeż konnessi mal-ittra uffiċjali 2754/20 jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**